



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

4.4.2011

B7-0240/2011

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjonijiet mill-Kunsill u mill-Kummissjoni

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun

**Giles Chichester, Konrad Szymański, Evžen Tošenovský**  
f'isem il-Grupp ECR

RE\863409MT.doc

PE459.777v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tagħlimiet li għandna nisiltu għas-sikurezza nukleari fl-Ewropa wara l-inċident nukleari fil-Ġappun**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/EURATOM tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill “Enerġija” tat-28 ta' Frar u l-21 ta' Marzu,
  - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-25 ta' Marzu,
  - wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu fl-okkażjoni tal-10 u l-15-il anniversarju tad-diżastru nukleari fis-sit ta' Chernobyl,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi t-terremot reċenti b'eluf ta' vittmi fil-Grigal tal-Ġappun wassal għall-għeluq ta' numru ta' reatturi nukleari operazzjonali tal-Ġappun u billi t-tsunami sussegwenti b'mewġ kbir oġhla minn 10 metri farrak mhux biss in-netwerks eżistenti ta' distribuzzjoni tal-enerġija iżda wkoll is-sistemi ta' provvista ta' riżerva u ta' emerġenza tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Fukushima Daiichi; billi n-nuqqas ta' kapaċità ta' tkessi li rriżulta wassal għal tisħin żejjed ta' uħud mill-elementi ta' materjal nukleari u għal tidwib ta' partijiet mill-qalba tar-reattur; billi sa issa l-IAEA iddeskriviet dawn l-iżviluppi bħala inċident serju (livell 6) fuq l-iskala internazzjonali INES,
- B. billi fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi jista' jkun neċessarju li jsir raġunament għdid dwar l-istandards ta' sikurezza nukleari fl-Ewropa, ladarba jkollna l-fatti kollha rilevanti disponibbli,
- C. billi l-kompożizzjoni tat-taħlita ta' enerġija fl-UE tibqa' fil-kompetenza tal-Istati Membri iżda fl-istess ħin is-sikurezza nukleari hija kwistjoni b'interess trasnazzjonali u tista', għalhekk, tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv fi ħdan il-kompetenza regolatorja tal-UE,
- D. billi minkejja t-tħassib serju kkawżat mill-inċidenti fil-Ġappun, l-enerġija nukleari se tibqa' mingħajr dubju tiffurma parti mit-taħlita ta' enerġija fil-ġejjieni, inkluż f'bosta Stati Membri u għaldaqstant irridu nkomplu nistinkaw favur l-oġhla livelli ta' sikurezza sabiex nippreparaw ruħna u nipproteġu ruħna kontra kull sitwazzjoni li potenzjalment tkun ta' ħsara;
- E. billi skont il-figuri tal-Kummissjoni l-enerġija nukleari kellha sehem ta' 13.4% tal-konsum gross tal-enerġija interna fl-2008 bi projezzjoni ta' żieda għal 15% fl-2030 f'xenarju normali,
- F. billi r-rapport ta' Mejju 2010 “Proġett tal-Ewropa 2030” minn grupp ta' riflessjoni stabbilit mill-Kunsill Ewropew jenfasizza l-ħtieġa li l-Ewropej jagħtu bidu għal

diskussjoni serja dwar il-ħtieġa ta' enerġija nukleari sikura fl-Ewropa u li l-Ewropa ma tistax tirrinunzja għal dan is-sors ta' enerġija,

1. Jestendi l-appoġġ sħiħ u s-simpatija tiegħu lill-poplu tal-Ġappun effettwat minn dan l-inċident nukleari, ikkawżat mill-effetti kkombinati tat-terremot u t-tsunami, u lill-ħaddiema tal-enerġija li qegħdin fuq quddiem fl-impjant tal-enerġija nukleari ta' Fukushima Diichi;
2. Jilqa' r-reazzjoni immedjata tal-Kummissjoni rigward l-avvenimenti serji fil-Ġappun billi tat bidu għal valutazzjonijiet mal-Ewropa kollha tar-riskju u tas-sikurezza għall-impjanti tal-enerġija nukleari, l-“istress tests”, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri; jilqa' l-appoġġ tal-Kunsill Ewropew għall-valutazzjonijiet tar-riskju u tas-sikurezza komprensivi u trasparenti, kif ukoll dwar ir-rieżami tal-qafas tas-sikurezza nukleari;
3. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li dawn il-valutazzjonijiet isiru sa tmiem din is-sena b'mod indipendenti u kkoordinat mill-awtoritajiet kompetenti (jew l-awtoritajiet ta' sikurezza) għall-impjanti kollha eżistenti u ppjanati fl-UE; jenfasizza li l-valutazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq sistema ta' valutazzjoni iebsa u armonizzata li tkopri kull tip ta' riskju konċepibbli f'xenarju realistiku Ewropew bħal terremoti, għargħar jew avvenimenti mhux mistennija bħal attacchi terroristiċi jew ċibernetiċi jew meta jitfarrak ajruplan; jenfasizza l-importanza tal-involviment sħiħ tal-Grupp ta' Regolaturi Ewropew dwar is-Sikurezza Nukleari (ENSREG) u l-għarfien tal-Assoċjazzjoni tar-Regolaturi Nukleari tal-Ewropa tal-Punent (WENRA) fl-iżvilupp tal-valutazzjonijiet tar-riskju u s-sikurezza;
4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu kull sforz biex jiżguraw li dawn l-istress tests kif ukoll l-istandards ta' sikurezza, sikurezza u ġestjoni tal-iskart nukleari sussegwenti ma jiġux applikati biss fi ħdan l-UE, iżda għal impjanti tal-enerġija nukleari mibnija jew ippjanati fil-pajjiżi terzi ġirien tal-UE u internazzjonalment; jemmen li l-UE, f'dan ir-rigward, għandha tagħmel użu sħiħ mill-organizzazzjonijiet u l-entitajiet internazzjonali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jagħtu bidu għal dibattitu fi ħdan l-IAEA bl-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta' sikurezza nukleari aktar iebes internazzjonalment; jistieden lill-Istati Membri b'faċilitajiet tal-enerġija nukleari jinvolvu lill-Istati Membri ġirien fis-superviżjoni tas-sikurezza;
5. Ifakkar li f'April 2009 l-Parlament Ewropew ivvota favur it-tisħiħ tad-direttiva dwar is-sikurezza nukleari, jiġifieri, billi għamel il-prinċipji ta' sikurezza tal-IAEA rekwiżit legali aktar milli volontarju; jinnota wkoll li mil-lum 'il quddiem mhux l-Istati Membri kollha ttrasponew id-direttiva riveduta dwar is-sikurezza nukleari fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom; jafferma l-importanza ta' kooperazzjoni vera dwar id-direttiva dwar il-ġestjoni tal-iskart nukleari u l-fjuwil użat u jistieden lill-Kunsill jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament Ewropew;
6. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi sa tmiem l-2011 jekk huwiex neċessarju li tressaq proposta li tirrevedi d-direttiva dwar is-sikurezza nukleari; tali deċiżjoni u proposta sussegwenti għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati tal-istress tests ippjanati, u jieħdu kont ta' analiżi dettaljata tal-inċident nukleari fil-Ġappun;
7. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar ir-rapporti li Tepco, il-kumpanija li topera Fukushima,

infurmat lill-awtoritajiet regolatorji dwar bosta nuqqasijiet ta' ispezzjoni f'it qabel ma seħħ l-inċident nukleari ta' Fukushima; jitlob lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' nuqqasijiet regolatorji potenzjali bħal dawn, biex tanalizza l-effettività, il-kompetenza u l-indipendenza tas-superviżjoni regolatorja fl-Ewropa u biex tissuġġerixxi titjib fejn ikun meħtieġ; jitlob lill-Kummissjoni, għal dan l-iskop, teżamina l-possibilitajiet li tistabbilixxi awtorità regolatorja għas-sikurezza nukleari fuq il-bażi tal-qafas WENRA bil-kompetenzi meħtieġa biex jiġi żgurat approċċ komuni għas-sikurezza nukleari;

8. Jitlob li jkun hemm approċċ ħolistiku favur kultura ta' sikurezza, li tinkludi standards ta' sikurezza, entità regolatorja b'saħħitha u indipendenti, riżorsi finanzjarji u umani xierqa, kif ukoll informazzjoni adegwata għaċ-ċittadini;
9. Jitlob lill-Kummissjoni ssostni u tintensifika l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet Ewropej ta' sikurezza nukleari;
10. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex testendi l-Programm Qafas tal-Euratom għar-riċerka nukleari u l-attivitajiet ta' taħriġ biex ikopri s-snin 2012 u 2013, li jfisser kontribut importanti għat-titjib fil-prestazzjoni tas-sikurezza nukleari u l-ħarsien mir-radjazzjoni;. jitlob għal programm ta' riċerka ambizzjuż dwar is-sikurezza nukleari u l-ġestjoni tal-iskart fl-MFF li jmiss; jenfasizza li bil-ħsieb ta' żidiet potenzjali fid-domanda għall-elettriku fil-ġejjieni, l-enerġija mill-fużjoni jista' jkollha l-potenzjal li tikkontribwixxi kunsiderevolment għall-produzzjoni tal-elettriku u s-sħana; għalhekk, jitlob li l-impenji internazzjonali tal-UE jiġu rispettati għal dan l-iskop;
11. Jitlob għall-użu sħiħ mad-dinja kollha tal-ambitu ġeografiku tal-Istrument għall-Kooperazzjoni fis-Sikurezza Nukleari (NSCI), pereżempju biex jiġu ffinanzjati attivitajiet fil-Ġappun, u kooperazzjoni msaħħa bejn l-NSCI u ċ-Ċentru Siżmiku tas-Sikurezza Internazzjonali tal-IAEA (ISSC);
12. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri jieħdu kull miżura xierqa biex jiżguraw li fil-bini futur tal-impjanti tal-enerġija nukleari tingħata l-attenzjoni dovuta għar-riskji tat-terremoti u l-għargħar; jemmen li l-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari mal-fruntieri esterni tal-UE għandhom ikunu konformi mal-istandards ambjentali internazzjonali tas-sikurezza nukleari;
13. Jenfasizza li l-enerġija nukleari fil-preżent hija indispensabbli biex tiġi żgurata l-provvista ta' enerġija b'ammont baxx ta' karbonju fl-Ewropa. jissottolinja l-importanza anki ikbar tal-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġiji rinnovabbli wara l-avvenimenti reċenti; jistieden lill-Istati Membri jħaffu l-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Effiċjenza Enerġetika u d-distribuzzjoni ta' teknoloġiji sostenibbli b'ammont baxx ta' karbonju bħas-CCS jew il-faħam nadif u s-sorsi rinnovabbli tal-enerġija; jitlob lill-Kummissjoni u kif ukoll lil ENTSO-E, ENTSO-G u ACER jimmonitorjaw mill-qrib l-iżviluppi possibbli u biex tiġbed il-konklużjonijiet neċessarji minnhom, speċjalment fir-rigward tar-rekwiżiti tal-iżvilupp tan-netwerk ta' distribuzzjoni u konsegwenzi oħra;
14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa biex jimmodernizzaw u jespandu l-infrastruttura Ewropea tal-enerġija u biex jikkolegaw flimkien in-netwerks bejn il-fruntieri sabiex jiġi evitat qtugħ totali f'daqqa possibbli tad-dawl li jista' jwassal għal inċidenti devastanti kif ġara reċentement fil-Ġappun;

15. Jenfasizza l-importanza li jiġu żviluppati teknoloġiji tal-ħżin tal-enerġija u netwerks intelliġenti ta' distribuzzjoni sabiex tkun tista' tinżamm provvista fl-enerġija għall-ġejjieni li wieħed jista' jorbot fuqha;
16. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-aġenziji, l-entitajiet u n-netwerks tal-UE msemmija f' din ir-riżoluzzjoni.